Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 61/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Cini**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Cini talli (flimkien ma' Publius Zammit):

(1) Gewwa s-Swieqi fil-perijodu ta' bejn it-3 ta' Novembru 2000 u t-3 ta' Dicembru 2000 ikkommettew serq ta' diversi oggetti, fosthom ghamara antika, minn fond "Violetera", Lourdes Lane, Swieqi, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi Lm1,000, hin u lok u li sar ghad-detriment ta' John Anthony Refalo;

(2) Gewwa l-Madliena fil-perijodu ta’ bejn is-16 ta’ Dicembru 2000 u l-31 ta’ Dicembru 2000 ikkommettew serq ta’ diversi oggetti, fosthom ghamara ntika, minn fond numru 12 Triq il-Harrub, Madliena, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi Lm1,000, hin u lok u li sar ghad-detriment ta’ Martin Borg;

(3) Fid-19 ta’ Jannar 2001 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, f’Malta, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Lil Joseph Cini wahdu talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar 15 ta’ Novembru 1999, 13 ta’ Lulju 1998 u 2 ta’ Lulju 1996, kif ukoll mill-Qorti ta’ l-Appell nhar 30 ta’ Lulju 1997, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Frar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Cini mhux hati ta’ l-ewwel u t-tieni akkuza pero hati tat-tielet u r-raba’ akkuza u kkundannatu ghal erba’ snin prigunerija.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Cini pprezentat fis-16 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn gie dikjarat mhux hati ta’ l-ewwel zewg imputazzjonijiet u minnhom gie lliberat, filwaqt li thassar dik il-parti fejn gie dikjarat hati tat-tielet imputazzjoni kif ukoll tar-raba’ u cioe’ l-addebitu tar-recidiva u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant Joseph Cini ghandu zewg aggravji li fil-qosor huma: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni rragjonevoli tal-provi; u (2) li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi meta applikat l-artikolu 289 tal-Kap. 9.

L-ewwel aggravju jehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Issa, fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jirreferi ghas-sottomissjonijiet li ghamel quddiem l-ewwel Qorti u li jinsabu traskritti a fol. 303 sa 310 u jzid jghid li mis-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti sabet il-htija dwar ir-reat ta' ricettazzjoni b'applikazzjoni tat-teorija tar-*recent possession*. L-appellant jissottometti pero` li huwa kontro-sens li l-ewwel Qorti f'nifs wiehed tilliberah mill-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

imputazzjonijiet ta’ serq ghaliex ma giex milhuq il-grad probatorju li tesigi l-ligi, imbaghad issibu hati ta’ ricettazzjoni b’applikazzjoni ta’ dik it-teorija. Di piu`, jinsisti l-appellant, il-pussess l-anqas ma kien jikkwalifika bhala *recent possession* li jiggustifika s-sejbien ta’ htija. Jghid li ma jaghmel ebda sens illi dwar l-istess sensiela ta’ fatti l-ewwel Qorti b’applikazzjoni ta’ l-istess teorija ta’ *recent possession* li kienet ghadha kif skartat, issib htija dwar ir-reat ta’ ricettazzjoni.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta’ l-appellant li ghax l-ewwel Qorti skartat l-imputazzjonijiet dwar serq kellha wkoll tiskarta l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni. L-appellant, minbarra li gie akkuzat bil-kommissjoni ta’ zewg reati ta’ serq gie ukoll akkuzat, bhalma solitament isir, bir-reat ta’ ricettazzjoni, b’dan ir-reat bhala wiehed subordinat jew alternattiv ghall-imputazzjonijiet ta’ serq. Mela l-ewwel Qorti setghet issib htija jew fir-reati ta’ serq jew fir-reat ta’ ricettazzjoni jew fir-reati kollha jekk il-fatti kienu differenti ghal kull imputazzjoni. Inoltre, kif tajjeb l-appellant jghid, it-*theory of recent possession* ghandha applikabilita` kemm ghal dak li jirrigwarda r-reat ta’ serq kif ukoll ir-reat ta’ ricettazzjoni.

Bhalma qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et**, 26 ta’ Awissu 1998), **“din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-bon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta’ serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta’ ricettazzjoni ta’ dawk l-oggetti“**.

L-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li huwa hati ta’ reat kull min f’Malta, **“**xjentement jilqa’ ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom”. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u

ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.[2]

Issa, fl-istqarrija tieghu l-appellant cahad li hu flimkien ma' Publius Zammit bieghu gradenza antika (dik li tidher fir-ritratt numru 1 – l-ewwel ritratt mid-dok. SV1 sa SV13) lil Iris Scott. Cahad ukoll li hu kien qal lil Iris Scott li hu dealer ta' ghamara antika. Cahad li ha lil Iris Sctt tara din il-gradenza gewwa van hdejn il-Wembley l-Msida. Cahad ukoll li ha l-flus tac-cekk ghall-gradenza. Cahad li bighhilha sottospecchio u anke li bighhilha tmien siggijiet parigg.

Kwantu ghal Carmen Grima l-appellant cahad li kien biegh gradenza ghal Lm1200. Cahad li kien prezenti ghal dan il-*business* u qal li kien Publius Zammit li bighhielha. Cahad ukoll li kien qallha taghmel cekk f'isem J. Cini ghax kien l-isem tal-persuna li ser jixtru l-ghamara minghandu.

Dawn ic-cahdiet kollha jikkontrastaw max-xiehda tal-persuni li akkwistaw l-ghamara.

Iris Scott xehdet li ghandha hanut li jismu Antiques Corner li jinsab 46 St. Albert Street, il-Gzira. Hija stqarret li kienu marru ghandha Joseph Cini u Publus Zammit flimkien u bighulha l-affarijiet li jidhru fir-ritratti Dok. SV1 sa SV13 – specifikatament il-gradenza antika. Qalet li l-aktar li kien jitkellem kien Joseph Cini. Dwar il-prezz kienu qishom jikkonsultaw lil xulxin u "qisu l-aktar li jiehu f'idejh l-affarijiet kien Joseph Cini". Indikat ukoll l-affarijiet fir-ritratti SVX1 sa 7 bhala oggetti li kien mar bihom Publius Zammit wahdu. Hija kienet tinsisti li thallas b'cekk hlief ghal xi affarijiet zghar. Qalet li kienu jghidulha li huma *antiques dealers*, li missier Joe Cini jifhem hafna u jixtru djar shah mbaghad ibighhom.

---

[2] Ara Appell Kriminali, **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998.

Carmen Grima xehdet illi ghandhom hanut bl-isem Victorian Antiques f' Zelqa Street, Naxxar. Hija qalet li xtrat *bureau bookcase* li jidher fir-ritratti Dok. SVY1 sa 4 minghand Joseph Cini u Publius Zammit. Ftehmet li tmur tara l-ghamara l-Msida. Iltaqghu quddiem il-Knisja ta' l-Msida u filwaqt li Zammit qaghad maghha, Cini mar ghac-cwievet tal-post u dahluha f'dar zghira fejn urewha *bureau bookcase* u gradenza zghira bil-wicc mahruq sew. Talbuha Lm3500 u Lm3000 rspettivament. Hija qaltilhom li ma kinux jghoddu ghaliha, qalulha li kien sejjer xi hadd iehor jara l-ghamara u jinfurmaha kif baqghu. Fil-fatt xi hadd minnhom cempel u qallha li kienu nbieghu. Wara xi jumejn rega' cemplilha wiehed minnhom u qallha li l-mara li bighulha l-affarijiet riedet thallas bin-nifs izda li jekk hi thallas *cash* kienu jtuhielha. Mar it-tifel jara l-ghamara u wara xi negozjati ftehmu fuq Lm1200 ghall-*bureau bookcase*. Ghamlet zewg cekkijiet wiehed ghal Lm900 u iehor ghal Lm300 fuq Publius Zammit u telqu. Wara nofs inhar cemplulha u qalulha li kienu sejrin jaghmlu xirja u li min hu *cash* irid u mhux cekkijiet *endorsed*. Meta marru ghandha hija biddlet ic-cekk ta' Lm300 billi tathom Lm300 *cash* u c-cekk ta' Lm900, billi "dan li hu ma jridniex nendorsjawh ic-cekk" talbuha "taghmlu mill-ewwel fuq J. Cini". U hekk ghamlet. It-tnejn li huma nnegozjaw maghha fuq il-prezz. Mistoqsija min qallha "tini l-flus u l-iehor aghmlu f'isem J. Cini" wiegbet "It-tnejn, bdew jaqbzu fuq xulxin." Ix-xhud qalet li qaghdu jghidulha li missier Cini ghandu hanut tal-ghamara antika San Gwann hdejn il-knisja.

David Grima, iben Carmen Grima, xehed illi kien mar il-hanut l-appellant Joseph Cini li qallu li ghandhom xi ghamara ghall-bejgh u tah in-numru tal-*mobile* tal-mama` tieghu sabiex jikkuntatja lilha u tmur tara l-ghamara hi. Qal li marret tara l-ghamara izda qaltlu li l-prezz kien *above market price*. Wara xi gimgha Carmen Grima qaltlu li kienu regghu cemplu biex jinfurmawha li jekk thallas *cash* kienet tiehu l-*bureau bookcase* hi. Mar jaraha. Huwa qallhom kemm kien lest joffri taghha u l-appellant Joseph Cini qallu "Kif jista' jkun? Il-*mummy* taghtni Lm1,500 taghha, kif issa qed tghidli hekk?" Ix-xhud wiegbu li ma kienx veru li qaltlu hekk u Cini wiegbu "Jekk mhux veru,

obzoqli f'wicci". Fl-ahhar ftehmu fuq Lm1,200 u Cini u Zammit ikkonsenjaw l-*bureau bookcase* l-hanut. Il-mama` tieghu hallsithom b'cekk u wara cemplu biex jitolbuha *cash*. Irritornaw il-hanut u tathom Lm300 *cash* u cekk ghal Lm900 ghamlitu pagabbli, skond ix-xhud, lil Publius Zammit – il-persuna li l-mama` tieghu kienet taht l-impressjoni li kienet il-persuna li minghandha kienu se jixtru xi ghamara.

Ic-cahdiet ta' l-appellant fl-istqarrija tieghu meta konfrontat ma' din ix-xiehda ta' Iris Scott, Carmen Grima u David Grima, twassal din il-Qorti ghall-istess konkluzjoni li l-ewwel Qorti setghet tasal ghaliha, cioe` li c-cahdiet ta' l-appellant huma inveritjeri. L-ghamara elevata mill-Pulizija minghand Iris Scott u Carmen Grima u li huma akkwistaw minghand Cini u Zammit kienet ghamara misruqa. Joseph Cini ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar il-provenjenza ta' dawn l-oggetti. Anzi pprova jiddistanzja ruhu mill-istess oggetti billi jghid, fil-kaz tal-gradenza mibjugha lil Iris Scott, li qatt ma raha f'hajtu, u fil-kaz tal-*bureau bookcase* mibjugha lil Carmen Grima billi jghid li ma kienx prezenti ghan-negozju li sar. Il-fatt li Joseph Cini pprova jichad l-involviment tieghu jfisser biss li huwa kien jaf bil-provenjenza kriminuza ta' l-ghamara in kwistjoni. Din il-konkluzjoni hi msahha mill-fatt li s-serqiet kienu twettqu fl-istess zminijiet li l-ghamara nbieghet lill-imsemmijin Iris Scott u Carmen Grima, u ghalhekk issib applikabilita` pjena t-*theory of recent possession*.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa respint.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena fejn l-appellant isostni li mhux applikabbli l-artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tieghu. Qabel xejn pero` din il-Qorti tosserva illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti qalet illi "l-prosekuzzjoni ppruvat l-akkuza ta' recidiva, kemm fil-konfront ta' Joseph Cini kif ukoll fil-konfront ta' Publius Zammit, u dan in vista tas-sentenzi esebiti fil-process dokumenti JVZ1 – 5 kif ikkonfermati mix-xhieda ta' l-identita` li jinstabu a fol. 147, 152 u 170".

Ix-xiehda a fol. 147 hi dik ta’ l-Ispettur Simon Galea fir-rigward ta’ Publius Zammit u ghalhekk mhux applikabbli fil-konfront ta’ l-appellant Joseph Cini.

Ix-xiehda a fol. 152 hi dik ta’ l-Ispettur Carmelo Bartolo li kkonferma li s-sentenza Dok. JVZ2 a fol. 128 – 130 hi sentenza moghtija fil-konfront ta’ l-appellant Joseph Cini. Pero` minn din is-sentenza moghtija fit-13 ta’ Lulju 1998 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali jirrizulta li l-appellant kien gie lliberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perijodu ta’ tliet snin skond l-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dikjarazzjoni ta’ htija skond dik il-ligi (u issa anke skond il-Kap. 446 li ssostitwixxa l-Kap. 152) titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta’ htija ghal ebda fini li jkun minbarra ghall-finijiet specifikati fl-Att, finijiet li mhumiex applikabbli fil-kaz odjern. Dan ifisser illi l-appellant ma setax jitqies recidiv minhabba s-sentenza msemmija la fit-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 u l-anqas ta’ l-artikolu 289 tal-Kap. 9.

Imbaghad ix-xiehda a fol. 170 hi dik ta’ l-Ispettur Mario Bonnici dwar sentenza wkoll tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali li nghatat fil-15 ta’ Novembru 1999. Minn din is-sentenza (Dok. JVZ3 a fol. 131 – 134) jirrizulta li l-appellant Joseph Cini wkoll gie lliberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tliet snin skond l-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dak li ntqal fil-paragrafu precedenti japplika anke ghal din is-sentenza.

Sentenza ohra li giet esebita hi dik a fol. 124 – 127 datata 2 ta’ Lulju 1996 (Dok. JVZ1) li pero` ma fihiex partikolaritajiet tal-persuna hemm misjuba hatja u l-anqas ma ngab xhud ta’ l-identita`. Ghaldaqstant ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni.

Fl-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hemm imsemmija sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-30 ta’ Lulju 1997. Dwar din pero` ma ngabet l-ebda prova.

Dan ifisser li l-appellant ma setax jinstab hati li sar recidiv kif akkuzat u, peress illi huwa evidenti mis-sentenza

appellata illi l-ewwel Qorti hadet ir-recidiva in konsiderazzjoni meta kkomputat il-piena, kwindi ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ghal perijodu ta’ erba’ snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tliet snin bit-tnaqqis taz-zmien li l-appellant seta’ ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------